## IL-FORMA GRAMMATIKALI TAL-KELAMA "MALTA"

Biex naqtgħu sewwa x'inhija s-sura grammatikali tal-kelma "Malta" rridu nħinnutaw il-kwantita ta' l-ewwel vokali *a*. Kieku dil-vokali kienet qasira, il-kelma "Malta" kienet tkun *nomen unitatis*, jiġifieri nom li juri għamil wieħed jew ħaġa waħda. Hekk ĦaRĠa hija nomen unitatis tal-verb ĦaReĠ; QaTLa tal-verb QaTel; LeMĦa tal-verb LeMaĦ; KiSRA tal-verb KiSeR. Meta l-vokali li f'din il-qagħda għandha warajha żewġ konsonanti hija twila, il-kelma jew hija missellfa (loan-word) jew hija forma tal-parteċipju preżent, ġens mara. Eżempji ta' kliem missellef b'*a* twila f'din il-qagħda huma papra mill-Isqalli papara; maskra mit-Taljan maschera, eċċ.

Il-vokali *a* fil-kelma "Malta" hija twila. Mela isem l-art tagħna jew hu barrani, mill-Latin "Melita" jew hu forma tal-parteċipju preżent, ġens mara. Imma aħna nafu illi l-isem ta' din il-gżira hu eqdem mill-ħakma Rumana għax għandna fdalijiet tiegħu f'iskrizzjonijiet ta' qabel żmienhom. Imbarra dan, fonetikament il-kelma Latina "Melita" f'ilsienna kienet issir "Melîta". Mela jkollna ngħidu li l-forma grammatikali ta' isem Malta hu participju preżent, ġens mara.

Fil-Lhudi MaLaT tfisser "to slip away" u fil-Lhudi modern MiLLuT tfisser "rescue". Aktarx li isem Malta huwa kelma Feniċja jew Punika ta' tifsira tixbaħ dik tal-Lhudi u għalhekk "Malta" tfisser "post il-kenn", isem li jixraq ħafna lill-port u l-imrasi tagħha. Fil-Għarbi l-verb MaLaT għandu tifsira aktar imbiegħda. Hava jfissru "to smear with clay" to putty (a vessel); to shave (the hair); to be of mixed race" u fil-Magħreb skond Beaussier tfisser "echauder, tremper dans l'eau bouillante, ebouillanter. Ebouillanter des amandes pour dérober. Couper, passer le roullan sur une mesure pleine de blé". mnejn toħroġ il-forma nominali MaLTa li tfisser: "Règle, rouleau pour passer sur une mesure pleine", (Beaussier). Il-forma parteċipjali tal-verb fil-Lhudi hija QôTeL (m.) u QôTeLa (f.). Bħal fil-Feniċju, forma li f'ilsienna tiġi MôLTa kif igħidu f'xi rħula.

G.A.